**Stqarrija Ministerjali magħmula mill-Ministru għall-Finanzi, l-Onor. Edward Scicluna, dwar l-akkużi mressqa fl-Istati Uniti kontra Ali Sadr Hashemi Nejad (Pilatus Bank)**

Dalgħodu sar magħruf mill-mezzi tax-xandir li ġew imressqa akkużi mill-Istati Uniti kontra Ali Sadr Hashemi Nejad, liema akkużi ġew ippreżentati quddiem il-Qrati ta' distrett fi New York ġewwa l-Istati Uniti.

Skont id-dokument ta' akkuża, qed jiġi allegat li din il-persuna pparteċipat fi skema sabiex jikser is-sanzjonijiet li l-Istati Uniti kienet imponiet fuq l-Iran. Hu allegat li ġew trasferiti madwar mija u ħmistax-il miljun dollaru Amerikan ($115m) permezz ta' sistema finanzjarja Amerikana. Dawn il-flus kienu qed jintużaw sabiex jiġi ffinanzjat proġett ta' bini ta' madwar sebat'elef dar ġewwa l-Veneżwela, liema proġett imur lura għal Lulju tas-sena 2007.

L-istess dokument ta' akkuża jsemmi li allegatament, il-finanzjamenti u l-pagamenti ta' dan il-proġett, li twaqqaf fis-sena 2010, saru tramite banek u istituzzjonijiet finanzjari f'ġurisdizzjoniet barra minn xtutna, fosthom f'pajjiżi bħall-Iżvizzera; l-Emirati Għarab Magħquda; it-Turkija u l-British Virgin Islands.

Hashemi Nejad huwa *shareholder* kif ukoll *chairman* fil-bank Pilatus, li huwa liċenzjat hawn Malta, liema proċess ta' liċenzjar beda f'madwar l-2012 u ntemm fl-2013.

Filwaqt li jissemmew ġurisdizzjonijiet oħra, l-ebda parti mid-dokument ta' akkuża ma' tissemma Malta jew xi bank liċenzjat f'pajjiżna.

Irrid insemmi li kwalsijasi proċess ġudizzjarju fuq dan il-każ għad irid jibda ġewwa l-Istati Uniti.

Minkejja dan kollu, wara li ħarġu dawn l-aħbarijiet, jien kellimt b'mod urġenti lill-Gvernatur tal-Bank Ċentrali ta' Malta u uffiċjali għolja fl-Awtorità Maltija għas-Servizzi Finanzjarji (MFSA) sabiex jiġu diskussi dawn l-aħħar żviluppi u sabiex jinfurmawni dwar xi deċiżjonijiet li setgħu ttieħdu.

Il-Gvern huwa infurmat li matul il-gurnata ltaqa' - jekk m'għadux għaddej anke sa issa - is-Supervisory Council tal-MFSA, li l-istruttura tiegħu hija ggovernata minn regoli internazzjonali u Ewropej, biex jiddiskuti dawn l-iżviluppi. Infurmat li s-Supervisory Council iddeċieda li jittieħdu numru ta' miżuri sinifikanti fir-rigward tal-bank u x-*shareholders*. Dawn id-deċiżjonijiet se jsiru pubbliċi fil-ħin li ġej, u anke nħabbruhom ukoll f'każ li jaslu waqt din is-sessjoni.

L-istituzzjonijiet ta' superviżjoni tas-settur finanzjarju Malti ser ikomplu jagħtu sehemhom sabiex inkomplu nassiguraw l-istabbilità finanzjarja, li nemmnu li hija waħda solida.